# Is-Sillabu tal-Malti Ir-Raba' Sena

## Kotba :

- Grammatika Maltija ta' Bro. Henry (Riveduta minn Charles Briffa)

- Qawsalla (Antoloġija tal-Letteratura Maltija)

## L-Oġġettivi :

- L-istudenti jitħarrġu fir-regoli tal-grammatika biex juru li għandhom ħila jiktbu b'Malti tajjeb f'dik li hija ortografija, skont l-aħħar aġġornament, jiġifieri "Iż-żieda mat-tagħrif (1984), l-Aġġornament tat-tagħrif (1992) u Deċiżjonijiet 1 (2008)."

- L-istudenti juru kompetenza fil-kitba kreattiva billi jiktbu komponimenti dwar suġġetti varji.

- L-istudenti juru l-ħila fil-kitba tal-Malti komunikattiv b'referenza speċifika għall-kotba ta' ittri, rapporti, riklami, għoti ta' direzzjonijiet/struzzjonijiet u kif ukoll taqsiriet ta' diskorsi/kitbiet bil-Malti.

- L-istudenti jagħrfu jinterpretaw l-aspett simboliku tal-lingwa b'referenza speċjali għall-idjomi u qwiel.

- L-istudenti juru l-ħila li jifhmu test ta' kitba bil-Malti billi jwieġbu xi mistoqsijiet (Taħriġ il-fehem) u fl-istess ħin jagħrfu wkoll il-lingwa fl-aspetti varji tagħha billi jwieġbu mistoqsijiet ta' grammatika, morfoloġija, testwalita`, lessiku u sintassi.

- L-istudenti jitgħallmu dwar kif żviluppa u evolva l-ilsien Malti b'referenza għall-element Semitiku, Romanz, u Ingliż ; l-effett tal-bilingwiżmu f'Malta u kemm l-ilsien Malti huwa lingwa dinamika. Ma jonqosx ukoll tagħrif dwar il-kultura Maltija

fosthom l-għana, il-logħob tradizzjonali, il-ħrejjef u l-leġġendi, ir-riti tal-passaġġ u s-snajja u professjonijiet.

- L-istudenti jiksbu tagħrif dwar x'inhi letteratura, termini letterarji u kif ukoll il-metrika u jitħarrġu fir-referenza għall-kuntest. Tgħallmu jinterpretaaw u janalizzaw xogħol letterarju (poeżija u proża) b'rabta mat-tema (Il-Protesta, Ir-rispett fil-familja u Tifkiriet) u jiktbu komponimenti letterarji.

## Il-Kontenut :

## (A) – Lingwa

- Is-sillabu tal-Malti 2012
- Tagħrif dwar il-lingwa Maltija (Storja)
- Noti dwar l-ortografija u kif ukoll taħriġ
- It-tqassim tal-verb
- L-Imperattiv
- Il-Forom ta' verbi Trilitteri u Kwadrilitteri
- Modi u Tempijiet tal-verb
- Konjugazzjonijiet tal-verb
- Il-Partiċipju Attiv/Passiv
- In-Nom (Mimmat/verbali/Ġens/Għadd)
- Il-Pronomi (Magħżulin/Mehmuża/Relattivi/Dimostrattivi
- L-Aġġettiv (Gradi/Ġens/Għadd)
- L-Istat Kostrutt u t-t marbuta
- Eżerċizzji Grammatikali
- Taħriġ il-Fehem
- Idjomi u Qwiel
- Malti Komunikattiv (Ittri, riklami..)
- Komponimenti

## (B) – <u>Letteratura</u>

- Defenizzjoni ta' x'inhi 'Letteratura'
- Storja tal-Poeżija Maltija
- Termini Letterarji (Anafora, Aferesi, Epiżewski, u oħrajn) u Metrika (kwartini, vers wati/tronk, endekasillabi u oħrajn)

Tagħrif dwar it-3 temi li se jiġu studjati :

- **Il-Protesta**

Malta Genna Ta' L-Art ta' G.E.Mercer p.6.
Jum Ir-Rebh ta' Ruzar Briffa p.14.
Tradiment ta' Victor Fenech p.98.
San Niklaw ta' Joe Friggieri p.112.
Ir-Raba' ta' Samwel ta' Frans Sammut p.113.
Hitan Tas-Sejjieh ta' Marjanu Vella p.116.
Iz-zabra ta' Victor Fenech p.120.
Ir-Ribelli ta' J.J.Camilleri p.136.

- **, Ir-Rispett fil-Familja**

Il-Bejjiegh tal-Gazzetti ta' Gorg Borg p.139.
Ir-Ragel Tal-Klieb ta' Oliver Friggieri p. 146.
*Lullaby* lil Yevgeny ta' Mario Azzopardi p.169.
Missier U Iben ta' Francis Ebejer p.185.
Mur Orqod Binti ta' Oliver Friggieri p.196.
Demghat Tas-Silg ta' Mario Azzopardi p.199.
Sentiment ta' Philip Sciberras p.213.

- **Tifkiriet**

Zjara Lil Gesu` ta' Dun Karm p.27.
L-Ghajn Fil-Misrah ta' Joe Friggieri p.98.
Il-Vapur Ta' L-Art ta' Kilin p.99.
Ma' L-Ewwel Qtar ta' Raymond Mahoney p.107.
Tifkiriet Ta' Tfuliti ta' Karmenu Vassallo p.151.
L-Ewwel Darba Li Ltqajt Maghha ta' Trevor Zahra p.180.
Niftakar ta' Anton Buttigieg p.216.
Darba Wahda ghad-Dawl tal-Lampa ta' Tarcisju Zarb p.250.

- L-Antoloġija 'Qawsalla' : x'inhi antoloġija, id-differenza bejn poeżija u proża, id-differenza bejn poeta u awtur, ix-xogħlijiet letterarji studjati kif jidhru fil-'Qawsalla' b'referenza għas-sillabu 2012.

- Ħsieb u analiżi tax-xogħlijiet letterarji marbuta mat-temi.
- Referenzi għall-kuntest tax-xogħlijiet letterarji
- Għajnuniet kif jinkiteb komponiment letterarju
- Komponimenti letterarji marbuta ma' kull tema**.** Dawk li se joqogħdu għall-karta 2A iridu jiktbu komponiment ta' madwar 400 kelma u dawk ta' 2B iridu jiktbu komponiment ta' madwar 200 kelma.
- L-użu tal-kwotazzjonijiet f'komponiment letterarju
- Tqassim tal-marki f'kitba letterarja

**NOTA** :

Għaż-żewg taqsimiet (A) u (B) l-istudenti jingħataw ; Noti, eżerċizzji varji, komponimenti u kif ukoll riċerka mill-Internet biex jiksbu tagħrif dwar storja tal-Lingwa/Letteratura, Personaġġi li ħadmu għal-Lingwa u Għaqdiet.

## Skema t'Assessjar

L-ewwel term : 1-10 marki għall-imġiba
50 marka : xogħol fil-klassi
xogħol għad-dar
testijiet

It-tieni term : 1-10 marki għall-imġiba
50 marka : xogħol fil-klassi
xogħol għad-dar
testijiet

100 marka Eżami ta' nofs is-sena

It-tielet term : : 1-10 marki għall-imġiba
50 marka : xogħol fil-klassi
xogħol għad-dar
testijiet
100 marka Eżami Annwali